**A.L. 316 tal-2009**

**ATT TAL- 2009 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (ATT NRU. II TAL- 2009)**

**ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)**

**Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Euro 80,000,000 Stock Tal-Gvern Ta' Malta**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att tal-2009 li jimplimenta Miżuri tal-Estimi 2009, u bl-artikolu 4(1)(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, L-Ekonomija u Investiment ħareġ din id-Direttiva:

Titolu.

**1.** It-titolu ta' din id-direttiva hi Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Euro 80,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

**2.** Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 80,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) Fungibility Issue, u

(b) 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II), u

(ċ) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur, jew

(d) f'ammonti mit-tlett *Stocks* imsemmija hawn qabel b'valur nominali flimkien ta' Euro 80,000,000.

Mod tal-Ħruġ ta' *Stocks*.

**3.** Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett relattiv li jirregola l-ħruġ ta':

(a) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) Fungibility Issue u 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II); u

(b) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

**4.** Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett relattiv.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

Kap. 345

**5.** (1) Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji meta dawn l-i*Stock*s jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(2) Fit-18 ta' April, 2010, wara l-pagament tal-ewwel imgħax, kull ammont allokat fit-3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) FI jiġi integrat mal-ħrug eżistenti ta' dan l-i*Stock* u wara, dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

**6.** Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 80,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont ta' mhux iżjed minn Euro 20,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

**7.** (1) L-imgħax bir-rata ta' Euro 1.80 għal kull Euro 100, 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-18 ta'April u fit-18 ta'Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru , 2009 u s-17 ta' April 2010 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-18 ta'April, 2010.

(2) L-imgħax bir-rata ta' Euro 2.30 għal kull Euro100, 4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-25 ta' April u fil-25 ta' Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru, 2009 u l-24 ta' April, 2010 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fil-25 ta' April, 2010.

(3) L-imgħax jitħallas bir-rata ta' mgħax li tvarja kull sitt (6) xhur marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur flimkien ma' "*spread*" fissa ta' 80*bps* u maħduma fuq *Day Count Fraction "(Actual/360)*"

għal kull Euro 100. Tali *spread* ta' *80 basis points (bps)* hija fissa u applikabbli għal tul il-ħajja tal-i*Stock*. Ir-rata ta' mgħax (Euribor ta' sitt (6) xhur flimkien ma' *spread* ta' 80*bps*) hija soġġetta għal-limitu massimu ta' mgħax li ma' jaqbiżx it-2.61 % kull sitt xhur u fl-ebda każ ir-rata ta' mgħax ma tista' tkun anqas minn 0.85% kull sitt xhur. L-imgħax jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-25 ta' April u fil-25 ta' Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-*istock*. L-ewwel ħlas relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Novembru, 2009 u l-24 ta' April, 2010 (iż-żewg dati nklużi) isir fil-25 ta' April, 2010.

Fidwa ta' *Stock*.

**8.** (1) It-3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) jiġi mifdi b'parità fit-18 ta'Ottubru, 2013.

(2) L-4.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2020 (II) jiġi mifdi b'parità fil-25 ta' April, 2020.

(3) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015 (V) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt (6) xhur jiġi mifdi b'parità fil-25 ta' Ottubru, 2015.